



Brussell, 3 ta' Mejju 2018
(OR. en)

8495/18

Fajls Interistituzzjonali:
2017/0265 (NLE)
2017/0266 (NLE)

JAI 356
CT 62
DROIPEN 56
COPEN 122
COSI 93
ENFOPOL 201
COTER 46

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.: 14604/17	
Nru dok. Cion:	13424/17+ADD 1; 13425/17+ADD 1
Suġġett:	Abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Prevenzjoni tat-Terroriżmu (STKE Nru 196) Abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll Addizzjonali għall-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Prevenzjoni tat-Terroriżmu (STKE Nru 217) - Adozzjoni

1. Fit-18 ta' Settembru 2015, il-Kunsill adotta d-Deċiżjonijiet UE 2015/1913 u UE 2015/1914 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa¹ u l-Protokoll Addizzjonali² rigward materji li jaqgħu fi ħdan il-kompetenza tal-Unjoni.
2. F'konformità mad-Deċiżjonijiet tal-Kunsill imsemmija hawn fuq, il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa u l-Protokoll Addizzjonali tagħha ġew iffirmati fit-22 ta' Ottubru 2015 suġġetti għall-konklużjoni tagħhom.

¹ ĠU L 280, 24.10.2015, p. 22

² ĠU L 280, 24.10.2015, p. 24

3. Sabiex ittemm il-proċess ta' adeżjoni tal-Unjoni għall-istrumenti tal-Kunsill tal-Ewropa msemmija hawn fuq, il-Kummissjoni ppreżentat żewġ proposti għal Deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, fisem l-Unjoni, tal-Konvenzjoni u l-Protokoll tagħha fid-19 ta' Ottubru 2017.
4. Il-Kunsill iddeċieda fit-18 ta' Diċembru 2017 li jitlob lill-Parlament Ewropew, f'konformità mal-Artikolu 218(6)(a) TFUE, biex jagħti l-approvazzjoni tiegħu għal:
 - l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa kif iffinalizzata mill-ġuristi-lingwisti (14494/17) kif ukoll it-test tal-Konvenzjoni (14445/17), u
 - l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Protokoll Addizzjonali (14498/17) kif iffinalizzat mill-ġuristi-lingwisti kif ukoll it-test tal-Protokoll Addizzjonali (14447/17).
5. Fil-21 ta' Jannar 2018, il-perijodu ta' notifika skont l-Artikolu 3 tal-Protokoll (Nru 21) għat-Trattati dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja skada. B'ittra datata 27 ta' Frar 2018, il-Kunsill informa lill-Parlament Ewropew li r-Renju Unit ma kienx innotifika x-xewqa tiegħu li jipparteċipa fl-adozzjoni tad-Deċiżjonijiet f'dak il-perijodu u li d-Deċiżjonijiet għandhom jiġu adottati mill-Kunsill, suġġett għall-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew, bil-premessa standard li tirrifletti l-pożizzjoni tar-Renju li ma jipparteċipax fl-adozzjoni tad-Deċiżjonijiet kif jinsabu fi 14494/1/17 REV 1 u 14498/1/17 REV 1, kif iffinalizzati mill-ġuristi-lingwisti.
6. Fit-18 ta' April 2018, il-Parlament Ewropew adotta żewġ riżoluzzjonijiet leġislattivi dwar l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, fisem l-Unjoni Ewropea, tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Prevenzjoni tat-Terroriżmu u tal-Protokoll Addizzjonali tagħha. Il-Parlament Ewropew ta l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-Konvenzjoni u l-Protokoll addizzjonali tagħha u ta struzzjoni lill-President tiegħu biex jibgħat il-pożizzjoni tiegħu lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri u l-Kunsill tal-Ewropa.

7. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għalhekk mistieden jirrakkomanda li l-Kunsill jadotta, bħala punt "A" tal-aġenda ta' waħda mil-sessjonijiet tiegħu li jmiss,
- l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa kif iffinalizzata mill-ġuristi-lingwisti (14494/1/17 REV 1) kif ukoll it-test tal-Konvenzjoni (14445/17), u
 - l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Protokoll Addizzjonali (14498/1/17 REV 1) kif iffinalizzat mill-ġuristi-lingwisti kif ukoll it-test tal-Protokoll Addizzjonali (14447/17).

Dawn id-Deċiżjonijiet ser jiġu ppubblikati fil-ĠU skont ir-regoli applikabbli.
